VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 120, 6 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 244 tal-2013

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2013 dwar *Standards* Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-*Pet Shops*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, fuq il-parir tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 dwar *Standards* Minimi li Joffru Protezzjoni lil Annimali fil-*Pet Shops*.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu *standards* minimi li joffru protezzjoni lil annimali fil-*pet shops* f'Malta.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' April 2014.

Tifsiriet.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"annimal" tfisser annimal domestiku jew annimal eżotiku;

"annimal domestiku" tfisser kull annimal kif muri fl-iSkedi B sa H, li jkun miżmum jew intiż li jkun miżmum f'abitazzjoni domestika, għat- tgawdija privata u l-kumpannija;

"annimal eżotiku" tfisser annimal li ma jkunx indiġenu f'Malta, inklużi dawk l-annimali li jkunu trabbew f'kustodja f'Malta;

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"id-Direttur" tfisser id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji u, sal-limitu tal-awtorita' mogħtija, tinkludi lil kull uffiċjal awtorizzat mid-Direttur, bil-miktub biex jagixxi minfloku għal xi wiehed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"magħlaq" tfisser kull spazju magħluq fejn jinżammu l-annimali;

"negozjant" tfisser kull persuna fiżika jew legali, li toffri l-

annimali għall-bejgħ jew tkun bi ħsiebha tbiegħ l-annimali;

"*pet shop*" tfisser kull fond jew proprjetà fejn l-annimali ikunu offruti għall-bejgħ għall-pubbliku jew fond jew proprjetà fejn l-annimali jkunu miżmuma bl-intenzjoni li jiġu offruti għall-bejgħ ukoll permezz ta' riklami u, jew sistemi elettroniċi.

Liċenzjar ta' *pet shops*.

3. (1) Ebda negozjant ma jista' jistokkja, iżomm, ibiegħ jew joffri għal bejgħ annimali mingħajr ma jkollu liċenza biex jagħmel dan. Id-Direttur jista' jgħamel spezzjoni fuq il-post qabel ma jagħti l-ewwel liċenza.

(2) Negozjant għandu japplika mad-Direttur għal liċenza biex jinnegozja annimali domestiċi tal-inqas xahrejn qabel ma' sseħħ l-attività.

(3) L-applikazzjonijiet għal liċenza għandhom ikunu preżentati billi timtela' l-formola kif stabbilita fl-iSkeda A. Din l-applikazjoni trid tiġi approvata mill-kirurgu veterinarju nominat responsabbli għall-*pet shop* li għandu jiffirma u jittimbra s-sezzjoni 4 tal-applikazzjoni li tinsab fl-iSkeda A.

(4) F'kaz li jkunu ser jiġu negozjati annimali eżotiċi, negozjant għandu japplika għand id-Direttur għal liċenza speċifika addizzjonali billi timtela' l-formola kif stabbilita fl-iSkeda A. Id-Direttur jista jagħmel spezzjoni fuq il-post qabel ma jgħati l-ewwel liċenza.

(5) (a) Id-Direttur jew l-uffiċjali ghat-trattament xieraq tal-annimali jista' jmexxi spezzjoni biex jistabbilixxi jekk il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti humiex qegħdin jiġu segwiti.

(b) Jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunu ntlaħqu, id-Direttur għandu joħroġ liċenza għal dik l-attività, mod ieħor id-Direttur għandu jistabbilixxi l-miżuri korrettivi meħtieġa. Id-Direttur għandu jissospendi jew jipprojbixxi l-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' l-użu tal-*pet shop* u jirtira l-liċenza.

(6) Il-liċenza jew kopja tagħha għandha tiġi murija f'pożizzjoni prominenti fil-fond.

(7) Il-liċenzi għandhom jiġġeddu ta' kull sena wara li tkun saret spezzjoni mid-Direttur.

(8) Kull bidla fl-istruttura tal-*pet shop* għandha tiġi dikjarata u diskussa mad-Direttur qabel ma ssir dik il-bidla. Id-Direttur għandu mbagħad jistabbilixxi, fi zmien erba' gimghat, jekk dan il-bdil

għandux ikun aċċettat jew le. Jekk dawn it-bidliet jiġu aċċetati, il-liċenza għall-*pet shop* għandha tiġi modifikata biex tkun tirrifletti dawn it-bidliet.

(9) L-ispeċi ta' annimali awtorizzati biex ikunu miżmuma u nnegozjati fil-*pet shop* għandhom ikunu msemmija fil-liċenza.

(10) Il-liċenzi għan-negozju ta' annimali m'humiex trasferibbli.

Liċenzjar tal-persunal.
L.S. 327.431

4. (1) Kull persuna li tiġġestixxi *pet shop* għandu jkollha l-kwalifiki ta' livell 3 skont ir-Regolamenti dwar il-Qafas Malti tal-Kwalifiki għal Taghlim Tul il-Hajja, li huma aċċettabli għad-Direttur:

Iżda fil-każ ta' *pet shops* eżistenti, il-proprjetarji għandhom tliet snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sabiex jiksbu dawn il-kwalifiki.

(2) Il-liċenzi għandhom jinħarġu biss lil persuni ta' mġiba tajba u lil persuni li qatt ma jkunu nstabu ħatja ta' krudeltà lejn l-annimali taħt l-Att jew ta' xi reat ieħor relatat mal-ordni pubbliku li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi s-sitt xhur.

(3) Id-Direttur m'għandu jaċċetta ebda applikazzjoni għal liċenza minn persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena u ebda liċenza m'għandha tinħareġ jew tiġi mogħtija lil dik il-persuna.

(4) Id-detentur tal-liċenza għandu jiżgura li l-persunal kollu fil-*pet shop* ikollu għarfien u esperjenza suffiċjenti tal-ispeċi tal-annimali fil-*pet shop* biex jiżguraw is-saħħa u l-benesseri ta' dawk l-annimali.

Records.

5. (1) Għandhom jinżammu *records* tal-bejgħ kollu sabiex jiġi stabbilit is-sors tal-annimali kollha. Kull xiri ta' annimal għandu jiġi reġistrat bid-dettalji kollha imsemmija kif ġej:

(a) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u numru ta' l-identifikazzjoni tal-persuna jew organizzazzjoni li tkun ipprovdiet l-annimal;

(b) dettalji dwar it-tip u l-għadd ta' annimali;

(ċ) id-data tal-kunsinna tal-annimali fil-*pet shop*; u

(d) xi marki partikolari u mezzi ta' identifikazzjoni, meta dan ikun japplika.

(2) Kull bejgħ ta' qtates, klieb, nemsa, ekwidi, tjur u annimali oħra għandu jiġi reġistrat. L-għan ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet huwa

biex ix-xerrej ikun jista' jinstab f'każ ta' emerġenza. Kull *record* tal-bejgħ għandu jinkludi:

(a) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u numru ta' l-identifikazzjoni tax-xerrej;

(b) l-annimal li jkun qiegħed jinxtara u l-marka ta' identifikazzjoni tiegħu, meta dan jkun japplika;

(ċ) id-data tal-bejgħ.

(3) L-annimali domestiċi li jiġu offruti għall-bejgħ għandu jkollhom mezzi ta' identifikazzjoni permanenti kif stabbilit f'kull liġi oħra jew regolamenti oħrajn. Lista ta' annimali u l-mezzi ta' identifikazzjoni aċċettabli tista' tkun ippublikata minn żmien għal żmien mid-Direttur.

(4) Għandhom jinżammu reġistri tat-twelid, mard u tal-mewt għall-annimali kollha fil-*pet shop*. It-tqegħid jew it-tifqis ta' bajd ta' vertebrati minimi bħal ħut jew anfibji jistgħu jiġu reġistrati bħala avveniment wieħed.

(5) Veterinarju għandu jiċċertifika l-imwiet li jaqbsu 10% ta' l-annimali stokkjati.

(6) Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu tal-inqas għal tliet snin u għandhom ikunu disponibbli waqt l-ispezzjonijiet jew kull meta jintalbu mid-Direttur.

(7) Il-metodi ta' kontroll ta' insetti u annimali li jagħmlu l-ħsara u informazzjoni relatata għandhom jinżammu għal tliet snin u juru sustanzi li ntużaw u d-dati meta dawn ikunu ġew applikati.

(8) Jekk ikun sar trasferiment ta' liċenza tal-*pet shop*, ir-reġistri u r-*records* imsemmija fis-subregolamenti (1) sa (5) għandhom jingħataw lid-Direttur.

(9) F'kaz li l-*pet shop* jingħalaq, ir-reġistri u r-*records* tal-*pet shop* għandhom jingħataw lid-Direttur.

(10) Ir-responsabilità għal kull annimal li jibqa fil-*pet shop* li jiġi trasferit jew magħluq tibqa tal-propjetarju l-aktar recenti.

Kundizzjonijiet kif isir il-bejgħ.

6. (1) (a) Ħadd m'għandu jbiegħ jew joffri għall-bejgħ annimal fi swieq miftuħa (monti) jew fit-toroq.

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), l-għasafar hawn taħt imsemmija jistgħu jinbiegħu fi swieq miftuħa (monti) jew fit-toroq,

sakemm l-għasafar jinżammu fid-dell f'kull ħin, f'gaġeġ tal-istess qisien kif stabbilit fl-iSkeda Ċ u sakemm it-temperatura ambjentali ma tkunx taqbez it-30°Ċ:

(i) Għasafar tal-għana kollha li huma *captive bred* u li għandhom ċurkett magħluq (*chaffinch*, *greenfinch*, *gold finch*, *serin finch*, *siskin*, *linnet*, *hawfinch* li joriġinaw minn kull kontinent);

(ii) Bgħula minn dawn l-għasafar hawn fuq imsemmija;

(iii) Amorini;

(iv) Kanali;

(v) *Cockatiels*;

(vi) *Lovebirds* (*Agapornis spp*) (mhux mhedda biss);

(vii) Flieles tal-papri domestiċi mhux protetti imma mhux fil-forom adulti tagħhom;

(viii) Flieles tal-wiżż domestiċi mhux protetti imma mhux fil-forom adulti tagħhom;

(ix) Flieles tat-tiġieġ domestikati (*Gallus gallus*) u dundjani (*Meleagris gallopavo*) imma mhux fil-forom adulti tagħhom;

(x) *Zebra finches* (*Taeniopygia guttata*);

(xi) *Bengal finches*;

(xii) *Goudian finches* (*Erythrura gouldiae*);

(xiii) *Java sparrows* (*Padda oryzivora*);

(xiv) Summien *Bobwhite*;

(xv) Summien Ċiniż u Summien Ġappuniż (*Coturnix chinesis* u *C. japonica*);

(xvi) Summien Komuni (*Coturnix couturnix*);

(xvii) *Diamond doves* (*Geopela cuneata*);

(xviii) *Barbets*;

(xix) *Cuttroath finches* (*Amadina fusciata*).

(2) Ebda negozjant m'għandu jbiegħ jew joffri li jbiegħ xi annimal lil persuni taħt l-eta' ta' sittax-il sena mingħajr ma jkollu l-kunsens bil-miktub tal-ġenituri jew tal-kustodji ta' dik il-persuna.

(3) L-annimali kollha bl-eċċezzjoni tat-tjur tal-ikel għandu jkollhom perjodu xieraq ta' addattament qabel ma jiġu offruti għall-bejgħ. Il-perjodu ta' dak l-addattament għandu jkun ta' mill-inqas jumejn għall-annimali l-oħra, u tnax-il siegħa għal ħut. Tul dak il-perjodu l-annimali għandhom jinżammu f'akkomodazzjoni ta' iżolament biex tiġi evitata kull possibbiltà ta' tixrid ta' mard.

(4) Dawk l-annimali li jkollhom xi tip ta' problema fisjoloġika u psikoloġika sinifikanti li tkun tolqot l-kwalità tal-ħajja tagħhom m'għandhomx jiġu offruti għall-bejgħ. Dawn l-annimali għandhom jingħataw trattament immedjat jew jiġu ewtanizzati umanament minn veterinarju liċenzjat.

(5) Annimali li ma jkunux miftmuma m'għandhomx ikunu mibjugħa:

(a) f'età ta' inqas minn tmien ġimgħat fil-każ ta' ġriewi u qtates, u ta' inqas minn erba' ġimgħat fil-każ ta' fniek;

(b) minbarra l-ispeċi msemmija fil-paragrafu (a), friegħ mhux tal-klassi tal-mammifera jew mammiferi oħra li mhumiex kapaċi jieklu waħedhom, m'għandhomx jiġu mibjugħa ħlief flieles tal-grupp Psittacine li ghandhom jiġu mibjugha bħala papagalli miftmuma bl-idejn.

Akkomodazzjoni u tagħmir.

7. (1) (a) L-annimali għandhom jinżammu l-ħin kollu f'akkomodazzjoni adatta għall-ispeċi tagħhom f'dawk li huma l-kostruzzjoni, id-daqs, it-temperatura, id-dawl, il-ventilzzjoni, l-umdità u l-indafa. Kull akkomodazzjoni għandha tinżamm f'kundizzjoni tajba.

(b) Xibka tal-wajer fin, ħġieġ jew diviżorju tal-plastik li jkun sigur għandhom jiffurmaw parti mill-gaġeġ u meta tiġi kostruwita l-akkomodazzjoni għal annimali eżotiċi għandha tkun tqis l-aggressività tal-annimal u r-riskju possibbli għas-saħħa u sigurtà tal-bniedem.

(2) Ebda annimal m'għandu jitqiegħed għal wiri barra mill-*pet shop*.

(3) Kull magħlaq għandu jiġi kostruwit b'mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu. Fil-*pet shop* għandu jkun hemm tagħmir

disponibbli biex jinqabdu l-annimali li jaħarbu fejn applikabli.

(4) Għandu jiġi provdut sink bi provvista kostanti ta' ilma sħun flimkien ma' kull sink ieħor għall-ħasil tal-idejn.

(5) Kull magħlaq tal-annimali għandu jkun mibni hekk li l-annimali ma jiġux mweġġa', feruti jew ivvelenati bihom.

8. Kull annimal għandu jinżamm u jiġi ttrattat skont il-bżonnijiet fiżjoloġiċi u attitudinali tiegħu, partikolarment fl-akkomodazzjoni għandu jkun hemm spazju biżżejjed għall-bżonnijiet tal-moviment u l-eżerċitazzjoni ta' kull annimal skont kif hemm fl-iSkedi B sa I. Densità tal-ħżin.

(2) Ebda annimal ieħor ħlief dawk elenkati fil-liċenza ma jistgħu jiġu maħżuna jew offruti għall-bejgħ mingħajr ma jkun hemm approvazzjoni bil-miktub bil-quddiem mingħand id-Direttur.

(3) Metu jkun possibbli kull annimal għandu jinżamm f'unità individwali, ħlief li dawk tal-istess boton jistgħu jitqegħdu fl-istess magħlaq li jkun ta' daqs adegwat. F'każ li l-akkomodazzjoni individwali tkun tista' toħloq xi theddida għas-saħħa jew it-trattament xieraq ta' xi annimal partikolari, id-Direttur jista' japprova akkomodazzjoni fi grupp skont il-parir li jingħata minn veterinarju.

9. (1) Għandha tittieħed kull prekawzjoni raġonevoli biex jiġu evitati l-epidemiji u t-tixrid ta' kull xorta ta' mard. Ebda annimal m'għandu jinġieb jew jinżamm fil-*pet shop* jekk dan ikun qiegħed isofri minn xi marda kontaġuża jew jista' jkun raġonevolment suspettat li seta' ġie f'kuntatt ma' xi annimal ieħor li jkun isofri minn xi marda infettiva jew kontaġuża jew li jkun infettat bil-parassiti, sakemm dan ma jkunx ġie effettivament iżolat. Saħħa.

(2) Kull magħlaq tal-annimali għandu jiġi mnaddaf regolarment biex jinżammu *standards* tajba ta' iġjene. Kull magħlaq, kuridur, żoni tal-madwar u kull tagħmir għandhom jiġu diżinfettati sew u regolarment, b'mod adegwat u frekwenti. Il-magħlaq għandu jkun ta' xorta li tkun tista' ssirlu spezzjoni faċilment u meta l-annimali jkunu magħluqin fil-gaġeġ dawk il-gaġeġ għandhom jitqegħdu b'mod li il-qiegħ tal-gaġeġ ta' fuq nett jkunu jidhru faċilment.

(3) Annimali morda jew feruti għandhom minnufih jirċievu kura adatta u għat-trattament għandu jiġi kkonsultat kirurgu veterinarju kif ikun meħtieġ.

(4) Għandu jkun hemm disponibbli faċilitajiet għall-iżolament ta' annimali morda jew feruti.

(5) Fil-*pet shop* għandha tinżamm kaxxa għal l-ewwel għajnuna għal annimali, u tkun mgħammra sew f'kull waqt. Il-veterinarju għandu jagħti parir dwar xi jkun fiha din il-kaxxa fejn hu applikabli.

(6) Kull *pet shop* għandu jkollu veterinarju liċenzjat imsemmi skont ir-regolament 3(3) bħala sors primarju ta' parir u trattament veterinarju u għandu jkun hemm lista tal-kirurġi veterinarji disponibbli fil-fond.

(7) Il-ħmieg u l-friex maħmuġ tal-annimali għandhom ikunu miġbura u maħżuna 'l bogħod mid-dawl dirett tax-xemx, f'kontenituri li ma jnixxux likwidu u li jingħalqu sew, sakemm ma jkunx jeżisti xi mezz ieħor ta' rimi.

(8) Il-ħmieġ u l-friex maħmuġ tal-annimali għandhom jiġu mneħħija mill-ħanut minn tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Dak il-materjal għandu jiġi mormi b'mod li jkun konformi ma' kull regolament li għandu x'jaqsam ma' rimi bħal dak.

(9) Għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha kontra insetti u animali li jagħmlu l-ħsara (*pests*) fil-*pet shop*. Il-pestiċidi li jintużaw m'għandhomx ikunu jagħmlu l-ħsara jew iweġġħu lill-annimali fl-*pet shop*.

(10) Il-prodotti u s-sustanzi li jkunu offruti għall-bejgħ, bħal tagħmir għall-ikel, aċċessorji jew prodotti u materjali oħra jew sustanzi li jkunu joħolqu riskju għas-saħħa jew għat-trattament xieraq ta' xi annimal għandhom jinżammu b'mod sigur u maħżuna 'l bogħod mill-annimali f'kull waqt.

(11) Il-kontenituri tal-ikel u l-ilma għandhom jiġu provduti u diżinfettati wara kull ikla. Kull fdal tal-ikel għandu jiġi mwarrab u mormi fejn applikabbli.

Ikel u ilma.

10. (1) Il-*pet shops* għandu jkollhom faċilitajiet adatti għall-preparazzjoni u l-ħażna tal-ikel u dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu separati mill-oqsma tal-annimali L-ikel kollu, ħlief ikel frisk, li jkun intiż għal għalf tal-annimali fil-*pet shop* għandu jkun maħżun f'kontenituri mmarkati, li ma jnixxux likwidu u li jingħalqu sew. Dawk il-kontenituri għandhom jinżammu f'kundizzjoni nadifa u tajba u jitqegħdu fil-kesħa meta jkun meħtieġ.

(2) L-annimali għandhom jingħataw ikel u ilma biżżejjed u adattat skont il-bżonijiet tal-ispeċi tagħhom. Għandu jkun hemm ilma nadif disponibbli l-ħin kollu filwaqt li jinbidel kuljum fejn applikabbli.

(3) L-ikel m'għandux jinżamm għal ħinijiet twal fil-gaġeġ biex jiġu evitati l-irwejjaħ, ġrieden u insetti noċivi sakemm dan ma jkunx ta' tip xott jew f'kontenitur fejn l-ikel ma jistax jiġi kontaminat.

Spezzjonjiet.

11. (1) L-annimali għandhom ikunu spezzjonati mill-perusnal f'intervalli regolari u mill-inqas darbtejn kuljum.

(2) Għandu jkun hemm persuna kompetenti disponibbli f'kull ħin sabiex issir superviżjoni fuq l-annimali, u li tittratta każi ta' emerġenza fil-ħin li jkun hemm l-annimali fil-fond:

Iżda meta l-kontroll kontinwu ta' erbgħa u għoxrin siegħa ma jkunx jista' jiġi garantit, għandhom ikunu japplikaw proċeduri alternattivi għas-sodisfazzjon tad-Direttur.

Transport ta' annimali.

12. In-negozjant għandu jiżgura li l-annimali jiġu trasportati lejn u mill-*pet shop* b'mod adatt għal protezzjoni tas-saħħa, it-trattament xieraq u l-karatteristiċi ta' kull speċi ta' appartenza.

Annimali eżotiċi.

13. Speċi ta' annimali li jkunu protetti bid-dritt jew b'konvenzjonijiet internazzjonali bħad-Direttiva dwar l-Għasafar, id-Direttiva dwar l-Ħabitat, il-Konvenzjoni dwar Speċi Migratorji, jew il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-Flora u l-Fawna Selvaġġi, m'għandhomx ikunu mibjugħa f'*pet shops*, sakemm ma tkunx ġiet mogħtija approvazzjoni speċjali mill-awtorità rilevanti.

Pariri dwar il-kura ta' annimali domestiċi.

14. (1) Il-*pet shops* għandhom jippromwovu volantini dettaljati u preċiżi dwar il-kura tal-annimali domestiċi jew istruzzjonijiet simili bil-miktub lill-klijenti, mingħajr ħlas.

(2) Ix-xerrejja għandhom jingħataw parir xieraq, mingħajr ħlas, dwar il-kura tal-annimali u, kull meta dan ikun meħtieġ, iż-żamma u l-użu ta' aċċessorji.

Prekawzjonijiet ta' emerġenza.

15. (1) Għandhom jitħejjew u jkunu magħrufa mill-persunal kollu proċeduri miktuba u prekawzjonijiet ta' emerġenza, inklużi l-arranġamenti għall-evakwazzjoni tal-annimali.

(2) Kull post ta' dħul u ta' ħruġ għandu jkun ħieles minn kull ostruzzjoni f'kull waqt.

(3) Għandu jkun disponibbli tagħmir għat-tifi tan-nar xieraq, fil-waqt li tingħata l-manutenzjoni meħtieġa regolarment minn persuna kompetenti u jitqiegħed f'post kif mitlub minn regolamenti speċifiċi għaldaqstant.

(4) In-numri ta' emerġenza ta' aġenziji għall-protezzjoni ċivili u tal-veterinarji għandhom ikunu esposti f'post prominenti fil-*pet*

shop.

(5) Il-*pet shops* għandhom ikunu konformi ma' kull regolament ieħor li jipprovdi għal miżuri u ħtiġiet ta' emerġenza.

B 3033

Skeda A

(Regolament 3)

Applikazzjoni għal Liċenza għal *Pet Shop*

Din il-formola ta' applikazzjoni għandha tintuża biss għall-applikazzjoni għal liċenza biex ikunu miżmuma annimali f'*pet shop* u biex dawn l-annimali ikunu offruti għall-bejgħ.

Il-formola ta' applikazzjoni għandha tkun kompluta hekk li tkun tinqara sew.

Għandha tiġi annessa kopja oriġinali tal-pjanta tal-*pet shop*.

L-informazzjoni f'din l-applikazzjoni hija ta' dominju pubbliku.

L-applikazzjoni flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa għandha tiġi mibgħuta lil:

Id-Direttur,
Taqsima tar-Regolament tal-Agrikoltura u s-Sajd
Pjazza tal-Biċċerija,
Albertown
Marsa, MRS 1123.

1. Dettalji tal-*pet shop*

Isem tal-*pet shop*: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon: .....
Numru ta' referenza tal-MEPA: .....

2. Dettalji ta' sid il-*pet shop* - Detentur tal-liċenza

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon / ċellulari: .....
Numru tal-I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki / Esperjenza: .....

Persunal

B 3034

3. (i) Persuna responsabbli għall-kura ta' kuljum tal-annimali

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

(ii) Persunal iehor
(*Din il-parti għandha timtela għal kull membru tal-persunal kemm jekk huma impjegati, kemm jekk huma volontarji*)

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

Impjegati ☐ Volontarji ☐
(*immarka kif meħtieġ*)

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
.....
Numru tat-telefon/ċellulari: .....
Numru ta' I.D.: .....
Data tat-twelid: .....
Kwalifiki/ Esperjenza: .....

Impjegati ☐ Volontarji ☐
(*immarka kif meħtieġ*)

4. Kirurgu veterinarju responsabbli għall-*pet shop*

Kunjom: .....
Isem: .....
Indirizz: .....
.....
Numru tat-telefon / ċellulari: .....
Numru tal-*warrant*: .....
Firma u Timbru tal-Veterinarju liċenzjat: .....

5. Annimali

Speċi u l-għadd ta' annimali, li jkunu maħsuba li ser jinżammu u jiġu offruti għall-bejgħ

Speċi ta' annimali	Għadd ta' annimali

B 3036

6. Faċilitajiet ta' emerġenza / proċeduri

Tagħmir kontra n-nirien disponibbli: .....
.....
.....
.....

Deskrizzjoni ta' proċeduri ta' emerġenza .....
.....
.....
.....

Jiena/aħna qiegħed/qegħdin hawnhekk niċċertifika/w li bl-aħjar tagħrif u ħila tiegħi / tagħna, id-dettalji msemmija hawn qabel huma veri.

Illum, ... tax-xahar ta' ....., 20.....

(*firmat*) .....

Wara li timtela l-formola ta' applikazzjoni għandha ssir spezzjoni mid-Direttur jew minn rappreżentant awtorizzat biex jispezzjona l-fond qabel ma tinħareġ il-liċenza.

Skeda B

(Regolament 8)

Densità ta' Ħżin - Mammiferi Żgħar

Speċi	Spazju minimu tal-art (ċm^2)		Għoli minimu tal-gaġġa (ċm)
	Għal kull annimal	Kull annimal supplimentari	
Fniek	2000	500	50
Fniek Nani	1000	300	30
Fniek tal-Indja	700	175	20
Gerbils	300	75	20
Hamsters	300	75	20
Far	500	125	20
Grieden	200	50	20
Chinchillas	2800	2100	50
Nemsa	3600	2100	90
Squirrels	3600	2100	90
Chipmunks	3160	2100	90
Frieħ tal-qtates - 8-12-il ġimgħa	2000	500	50
Ġriewi - 8-12-il ġimgħa	10000	2500	50

Skeda Ċ

(Regolament 8)

Densità tal- Ħżin – Għasafar F'gaġġa

Speċi	Tul / ċm	Spazju tal-art (ċm^2)	
		Għal kull annimal	Kull suppliment
African grey	30 - 35	1250	625
Amazon	sa 35	1000	500
	35 - 40	1250	625
	iktar minn 40	2000	750
Amorin	20	650	200
Cockatiel	25 - 30	1000	250
Cockatoo	sa 35	1250	625
	35 - 40	2000	1000
	iktar minn 45	2750	1325
Lovebird	13 - 17	750	200

B 3038

Speċi	Tul / ċm	Spazju tal-art (ċm^2)	
		Għal kull annimal	Kull suppliment
Macaw	sa 40	1250	625
	40 - 60	2250	1000
	iktar minn 60	3750	1200
Parakeet (inkluż *Conure*, *Kakari*, *Rosella*)	sa 25	1000	250
	25 - 30	1000	250
	iktar minn 35	1400	450
Pappagall (inkluż *Caique*, *Pronus*, *Senegal*, *Meyer's*)	sa 30	800	275
	30 - 35	1250	625
	iktar minn 35	1500	750
Parrotlet	12 - 14	400	200
Hanging parrot	12 - 14	450	250
Lories u *lorikeets*	sa 22.5	800	250
	22.5 - 30	1250	375
	iktar minn 30	2000	500
Kanarin	12 - 15	650	250
Kardinal	8 - 9	1000	250
Ħamiema u beċċun	sa 22.5	450	250
	iktar minn 22.5	1250	625
Finches (inkluż Manikin *silverbill* għasfur tal-bejt *waxbill*)	sa 12.5	650	100
	12.5 - 17.5	750	150
	iktar minn 17.5	1000	200
Cross beak	16 - 17	1000	200
Summiena	sa 15	450	250
	15 - 20	650	375
	iktar minn 20	1000	500
Weaver	sa 15	650	150
	iktar minn 15	1000	200
Whydah (raġel b'denbu sħiħ)	sa 40	1000	200
	iktar minn 40	2000	275
Barbet	sa 20	1250	275
	iktar minn 20	1400	450
Bullbil, *Fruitsucker*		1000	250
Fair bluebird, *oriole*	20 - 25	1250	250
Jays, *Thrush* u *Magpie*	sa 25	1500	250
	25 - 35	2000	500
	iktar minn 35	4000	1000
Mynah	20 - 25	1500	250
Peking robin, *mesia*	10 - 12	1000	200
Starling (inkluż *mynahs* żgħar)	sa 20	1500	375
	iktar minn 20	1000	250
Tanager, *sugar bird*	sa 15	1000	250
	iktar minn 15	1000	250
Trush (inkluż *Shama*)	15 - 30	1000	375

Speċi	Tul / ċm	Spazju tal-art (ċm^2)	
		Għal kull annimal	Kull suppliment
Toucan	80 - 90	3750	1000
Toucanette, *aracari*	30 - 35	2000	625
Touraco	49 - 51	2000	625
Zosterops	10 - 12	750	100
Tiġieġ		2500	1500
Tiġieġ tal-Kina		1000	600
Papri		2500	1500

N.B. L-għasafar kollha għandhom jingħabru f'akkomodazzjoni li fiha jkunu jistgħu jiftħu ġwenħajhom għal kollox.

Skeda D

(Regolament 8)

Densità ta' Ħżin għal Ħut Ornamentali u Speċi Akwatiċi Oħrajn

1. Ittestjar tal-kwalità tal-ilma għandu jsir tal-inqas darba fil-ġimgħa. Ir-riżultati tat-testijiet kollha għandhom jiġu reġistrati f'reġistru flimkien mal-azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet. Għandhom isiru testijiet ulterjuri meta spezzjoni viżwali tat-tankijiet tkun tindika dik il-ħtieġa.

2. Il-kwalità tal-ilma għall-ħut tal-ilma kiesaħ għandha tkun:

(a) Ossiġnu li jinħall — min. 6-mg/litru

(b) Ammonja mhux mħallta — mas. 0.02 mg/litru

(ċ) Nitrit — mas. 0.3 mg/litru

(d) Nitrat — mas. 50mg/litru

3. Il-kwalità tal-ilma għall-ħut tropikali għandha tkun:

(a) Ossiġnu li jinħall — min. 6-mg/litru

(b) Ammonja mhux mħallta — mas. 0.02 mg/litru

(ċ) Nitrit — mas. 0.3 mg/litru

(d) Nitrat — mas. 50mg/litru

4. Il-kwalità tal-ilma għal speċi tal-baħar tropikali għandha tkun:

(a) Ossiġnu li jinħall	min. 5.5-mg/litru
(b) Ammonja mhux mħallta	mas. 0.01 mg/litru
(ċ) Nitrit	mas. 0.3 mg/litru
(d) Nitrat	mas. 40mg/litru

5. Il-pH tal-ilma għal speċi tal-baħar tropikali għandu jkun ta' min 8.1m minimu.

Skeda E

(Regolament 8)

Speċifikazzjonijiet ta' Magħlaq għal Klieb bejn l-Età ta' 12-il ġimgħa u sitt xhur

(1) Magħlaq għal klieb għandhom ikopru minn tal-inqas 1.25 metru kwadru, spazju fuq l-art u għoli li jkun id-doppju tal-għoli tal-ispalla tal-akbar kelb fil-magħlaq, b'fond minimu tal-magħlaq ta' minn tal-inqas 1.10 metri.

(2) Il-paviment għandu jkun kostruwit b'dak il-mod li jkun jista' jitnaddaf faċilment filwaqt li jkun jipprovdi qabda sew għall-annimali biex jimxu fuqu mingħajr ma jġarrbu ebda ġrieħi.

(3) It-temperatura tal-oqsma tal-irqad m'għandhiex tinżel għal inqas minn 10°Ċ jew ta' tkun iżjed minn 30°Ċ. Għandu jiġi provdut f'kull magħlaq apparat biex jaqra t-temperatura f'kull waqt. Meta jkun probabbli li t-temperaturi jinżlu jew jitilgħu aktar mill-livelli indikati, għandhom jiġu provduti mezzi ta' tisħin u/ jew ta' tkessiħ skonf il-każ

(4) Għandhom jiġu provduti sodod komdi addatti. Is-sodod għandhom jinżammu ndaf, bla parasiti u f'kundizzjoni xotta.

(5) Il-klieb għandhom jitħallew jissoċjalizzaw u jkollhom kuntatt mal-bnedmin kif imiss biex ikunu jistgħu jistabbilixxu karattru li jkun bilanċjat sew.

(6) Il-klieb li juru sinjali ta' maturità sesswali, għandhom jinżammu b'mod separat mis-sess oppost.

(7) L-ispazzju fuq l-art li ma jkunx ostakolat għandu jiġi provdut kif ġej:

Għadd ta' klieb	Spazzju fuq l-art f'metri kwadri
1 - 4	1.25
5	1.50
6	1.75

7	2.00
8	2.25
9	2.50
10	2.75

Skeda F

(Regolament 8)

Speċifikazzjonijiet tal-Magħlaq għal Klieb ta' Età ta' iktar minn 6 xhur

(1) Kull magħlaq għall-klieb għandu jiġi provdut bi spazju għall-irqad ta' mill-inqas 1.9 metri kwadri u l-għoli tal-magħlaq għandu jkun tal-inqas ta' 2 metri.

(2) Il-paviment għandu jkunu kostruwit b'mod li jista' jitnaddaf faċilment filwaqt li jkun jipprovdi qabda sew għall-klieb biex jimxu fuqu mingħajr ma jweġġgħu.

(3) It-temperatura tal-oqsma ta l-irqad m'għandhiex tinżel għal inqas minn 10°Ċ jew tkun ta' izjed minn 30°Ċ. Għandu jiġi provdut apparat f'kull magħlaq biex jaqra t-temperatura f'kull ħin. Meta jkun probabbli li t-temperaturi jinżlu jew jitilgħu aktar mil-livelli indikati, għandhom jiġu provduti mezzi ta' tisħin u / jew ta' tkessiħ skont il-każ.

(4) Magħlaq għall-klieb għandu jkun provdut b'oqsma għall-eżerċizzju. Il-klieb għandhom jitħallew jużaw il-parti għal-eżerċizzju b'mod ħieles, ħlief bil-lejl.

(5) L-ispazju liberu minn kull ostruzzjoni, għal kull kelb fil-qasam għall-eżerċizzju għandu jkun:

(a) għal klieb b'għoli ta' spalla sa 60ċm, ta' 2.46 metri kwadri ta' spazju fuq l-art u l-għoli tal-magħlaq għandu jkun tal-inqas 2.0 metri; u

(b) għal klieb b'għoli ta' spalla ta' aktar minn 60ċm, ta' 3.34 metri kwadri ta' spazju fuq l-art u l-għoli tal-magħlaq għandu jkun tal-inqas 2.0 metri.

(6) L-oqsma għall-eżerċizzju m'għandhomx jintużaw bħala oqsma għall-irqad.

(7) L-oqsma għall-eżerċizzju fuq barra għandhom ikunu msaqqfa tal-inqas sa nofs l-istess qasam.

(8) Għandhom jiġu provduti sodod komdi adatti. Is-sodod għandhom jinżammu nodfa, ħielsa mill-parasiti u f'kundizzjoni xotta.

(9) Il-paviment tal-oqsma għall-irqad, oqsma għall-eżerċizzju u ta' kull magħlaq ta' iżolament m'għandhomx ikunu weqfin u huwa rakkomandat li jkun hemm qlib ta' 1 fi 80 għal drenaġġ baxx jew għal kanal ta' drenaġġ fond li jkun mgħotti sew.

(10) Il-ħitan diviżorji bejn kull magħlaq tal-klieb għandhom ikunu magħmulin minn kostruzzjoni solida sal-inqas għoli ta' 1.2 metri.

Skeda G

(Regolament 8)

Speċifikazzjonijiet ta' Magħlaq għal Qtates bejn l-Età ta' 12-il xhar u sitt xhur

(1) Kull magħlaq għal qtates għandu jkollu tal-inqas 0.85 metri kwadri ta' spazzju mingħajr ostruzzjoni u għoli ta' 1.22 metri b'fond tal-magħlaq minimu ta' 0.70 metri.

(2) Il-paviment għandu jkun kostruwit b'mod li jitnaddaf faċilment filwaqt li jkun jipprovdi qabda suffiċjenti għall-annimal biex jimxi fuqu mingħajr ma jweġġa.

(3) Kull magħlaq għall-qtates għandu jkun provdut b'lasti għas-sinn tad-dwiefer.

(4) Għandhom jiġu provduti sodod komdi adatti. Is-sodod għandhom jinżammu nodfa, ħielsa mill-parasiti u f'kundizzjoni xotta.

(5) Kull magħlaq għall-qtates għandu jiġi provdut bi *tray* fejn iħammġu, li għandu jiġi mnaddaf darbtejn kuljum.

(6) It-temperatura ta' kull qasam m'għandhiex tinżel għal inqas minn 10°Ċ jew tkun iżjed minn 30°Ċ. Għandu jiġi provdut f'kull magħlaq apparat biex jaqra t-temperatura f'kull ħin. Meta jkun probabbli li t-temperaturi jinżlu jew jitilgħu aktar mil-livelli indikati, għandhom jiġu provduti mezzi ta' tisħin u / jew ta' tkessiħ skont il-każ.

(7) L-ispazju tal-art li ma jkollux ostruzzjoni u li jiġi provdut għandu jkun dan li ġej:

Għadd ta' qtates	Spazzju fuq l-art mhux ostruwit f'metri kwadri
1 - 4	0.85
5	1.00
6	1.15

	7	1.30
	8	1.45
	9	1.60
	10	1.75

Skeda H

(Regolament 8)

Speċifikazzjonijiet ta' Magħlaq għal Qtates ta' Età ta' iktar minn 6 xhur

(1) Kull magħlaq għall-qtates għandu jiġi provdut b'qasam għal irqad u spazju fil-viċin għall-eżerċizzju, li għandu jkun esklussiv għal dak il-magħlaq. L-ispazzju tal-art bla ostruzzjoni għandu jkun tal-inqas:

(a) 0.85 metri kwadri għal qattus wieħed;

(b) 1.5 metri kwadri għal żewġt iqtates; u

(ċ) 1.85 metri kwadri għal aktar minn erbat iqtates.

L-ispazju tal-art, bla ostruzzjoni għall-parti tal-eżerċizzju għandu jkun tal-inqas:

(a) 1.7 metri kwadri għal qattus wieħed;

(b) 2.23 metri kwadri għal żewġt iqtates; u

(ċ) 2.79 metri kwadri għal aktar minn erbat iqtates.

L-għoli tal-qasam għall-eżerċizzju għandu jkun tal-inqas 2 metri.

(2) Il-paviment għandu jkun kostruwit hekk li jkun jista' jitnaddaf faċilment filwaqt li jkun jipprovdi qabda suffiċjenti għall-annimali biex jimxu fuqu mingħajr ma jweġġgħu.

(3) Kull magħlaq għal qtates għandu jkun provdut b'lasti għas-sinn tad-dwiefer.

(4) Għandhom jiġu provduti sodod komdi adatti. Is-sodod għandhom jinżammu nodfa, ħielsa mill-parasiti u f'kundizzjoni xotta.

(5) Kull magħlaq għall-qtates għandu jiġi provdut bi *tray* fejn iħammġu, li għandu jiġi mnaddaf darbtejn kuljum.

(6) It-temperatura tal-qasam tal-irqad m'għandhiex tinżel inqas minn 10°Ċ

jew tkun iżjed minn 30°Ċ. Għandu jiġi provdut f'kull magħlaq apparat biex jaqra t-temperatura f'kull ħin. Meta jkun probabbli li t-temperaturi jinżlu jew jitilgħu aktar mil-livelli indikati, għandhom jiġu provduti mezzi ta' tisħin u / jew ta' tkessiħ skond il-każ.

Skeda I

(Regolament 8)

Kundizzjonijiet mitluba għal Akkomodazzjoni għar-Rettili

Speċi	Tul tal-Magħlaq	Fond tal-Magħlaq	Għoli tal-Magħlaq
Sriep żgħar mhux valenużi, bħal *corn snakes*, *king snakes*, *milk snakes*	Itwal jew daqs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp
Arboreal boas u *pythons* (*-Emerald tree boa*, *Corallus caninus* *-Amazon tree boa*, *Corallus enhydris* *-Pacific tree boa*, *Candoia bibroni*, *-Haitian and rainbow boas*, *Epicrates spp*. *-Madagascan tree boa*, (*Sanzinia madagascariensis*) *-carpet python*, *Morelia spilota* *-Green tree python*, *Chondropython viridis*)	Itwal jew daqs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp
Large constrictors (*Burmese* jew *Indian python*), *python moluris Reticulated python*, *P. reticulatus* *-African rock python*, *P. sebae* *-Common boa*, *Boa constrictor* *-Ananconda*, *Eunectes spp*.	Itwal jew daqs darba u nofs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp	Itwal jew daqs nofs it-tul tas-serp

Speċi	Tul tal-Magħlaq	Fond tal-Magħlaq	Għoli tal-Magħlaq
Gremxul u wiża	Itwal jew erba' darbiet daqs it-tul tal-gremxula	Itwal jew darbtejn daqs it-tul tal-gremxula	Itwal jew darbtejn daqs it-tul tal-gremxula

Iktar ħtiġijiet speċifiċi dwar it-temperatura, l-umdità, l-għalf u informazzjoni supplimentari jistgħu jinkisbu mingħand id-Direttur.

Dwar il-ħtiġiet ta' akkomodazzjoni ta' speċi ta' rettili mhux elenkati f'din l-Iskeda, għandu jinkiseb parir mingħand id-Direttur.